**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Michael Rizzo**

Kaz Numru: 577/2011

Illum 19 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Rizzo ta' 34 sena bin Emanuel u Dolores nee' Spiteri, imwieled Pieta' fl-20 ta' April 1977 u residenti 99 Thursday Triq Kampanella Fgura detentur ta'numru 223577M:

1. Akkuzat talli fix-xahar ta' April 2011, f'Rahal Gdid, Hal Tarxien, Hal Kirkop, Haz Zebbug, Fgura, H'Attard u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' deheb ghal valur ta' 1430 ewro, Television tal-marka Samsung ghal valur ta' 590 euros, u madwar 1340 euro ghad-dannu ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

2. U aktar talli fid-29 t'April 2011 bil-hsieb li jaghmel delitt wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni billi pprova jaghmel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ipprova jaghmel qliegh ta' 1000 ewro ghad-dannu ta' Clinton Borg mill-Gudja u l-Bank HSBC liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. U aktar talli fix-xahar ta' April 2011 ghamel qliegh iehor b'qerq cioe' l-qliegh ta' deheb ghal valur ta' 1430 ewro, Television tal-marka Samsung ghal valur ta' 590 euros, u madwar 1340 euro ghad-dannu ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

4. U aktar talli fl-istess cirkustanzi ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' quickcash card numru 5887 0000 1379 7441 tal-HSBC u dokumenti ohra ta' Ray' Jewellery li jinsab f'Zabbar Road, Fgura, Vision Tech li jinsab fi Main Street Zebbug u Gold Market li jinsab fi Mdina Road H'Attard illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew tigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ghad-detriment ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

5. U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamel uzu mill-istess dokumenti u card u cioe' quickcash card numru 5887 0000 1379 7441 tal-HSBC u dokumenti ohra ta' Ray' Jewellery li jinsab f'Zabbar Road, Fgura, Vision Tech li jinsab fi Main Street Zebbug u Gold Market li jinsab fi Mdina Road H'Attard ghad-detriment ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi zied jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' minn quickcash card numru 5887 0000 1379 7441 tal-HSBC u dokumenti ohra ta' Ray' Jewellery li jinsab f'Zabbar Road, Fgura, Vision Tech li jinsab fi Main Street Zebbug u Gold Market li jinsab fi Mdina Road H'Attard ghad-detriment ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, cioe' minn quickcash card numru 5887 0000 1379 7441 tal-HSBC u dokumenti ohra ta' Ray' Jewellery li jinsab f'Zabbar Road, Fgura, Vision Tech li jinsab fi Main Street Zebbug u Gold Market li jinsab fi Mdina Road H'Attard ghad-detriment ta' Clinton Borg mill-Gudja, il-Bank HSBC u persuni ohra.

8. Akkuzat ukoll talli f'xi zminijiet qabel id-19 ta' April 2011 ikkommetta serq ta' quickcash card numru 5887 0000 1379 7441 tal-HSBC ghad-dannu ta' Clinton Borg mill-Gudja u l-HSBC.

9. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra

minn Malta jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibighuhom jew imexxihom.

B'hekk irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 41(1)(a), 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikoli 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Jirrizulta[1] li fid-29 ta' April 2011 certu Clinton Borg irrapporta l-Ghassa Rahal Gdid li xi persuni mhux maghrufa kienu ghamlu uzu ta' quickcash card tieghu bin-numru 588 7000 1379 7441 f'diversi hwienet kif ukoll ATMs. Is-sur Borg kien irrapporta li fid-19 ta' April 2011 kien ghamel rapport lill-HSBC Bank Malta plc li l-quiickcash card l-antika tieghu kienet iddemigjata u b'hekk kien qieghed jistenna l-card tieghu u l-PIN bil-posta. Fid-29 ta' April 2011, is-sur Borg kien gie infurmat minn impjegat tal-Bank li l-card il-gdida w il-PIN number (li huwa kien qieghed jistenna u li qatt ma rcevihom) kienu gew uzati f'diversi hwienet u ATMs.

Irrizulta li din il-card kienet giet uzata fis-27 ta' April 2011 fl-ATM ta' Hal Tarxien fejn kienu ngibdu l-ammont ta' €600, fl-istess gurnata ingibed ukoll l-ammont ta' €600 mill-ATM ta' Corradino Paola; fit-28 ta' April 2011 l-istess card intuzat ghal xiri ta' deheb mill-istabiliment Gold Market ta' H'Attard ghall-valur ta' €830; intuzat fl-istess gurnata ghal xiri ta' televixin mill-Vision Tech Electronics, Haz-Zebbug ghall-valur ta' €590; kif ukoll minn Ray's Jewellery ghal xiri ta' deheb fl-ammont ta' €600. Fid-29 ta' April 2011 intuzat ukoll ghall-gbid ta' flus fl-ammont ta' €140 mill-ATM, Tarxien u f'din l-istess gurnata kien hemm zewg tentattivi mill-ATM, Kirkop u Tarxien ghall-ammont ta' €400 u €600[2].

Insegwitu ghar-rapport bdiet l-investigazzjoni u mill-footages migbura mic-CCTVs gie nnutat li l-persuna allegata kienet l-imputat li eventwalment gie arrestat.

Raymond Falzon, minn Ray's Jewellery[3], gharaf lill-imputat bhala l-persuna li amr jixtri minghandu deheb fl-ammont ta' €600. Huwa hallas b'debit card. Qal li l-imputat kien liebes qalziet tat-track suit skur bl-istrixxi, flokk u beritta. Qal ukoll li meta x-xhud mar l-ghassa ghaliex baghat ghalih l-ispettur gharaf lill-imputat li kien fil-frattemp l-ghassa. Muri r-ritratt Dok SZ13 gharaf il-qalziet.

---

[1] Xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit tat-18 ta' Mejju 2011

[22] Dok CB1 a fol 59 tal-process

[3] Seduta tat-18 ta' Mejju 2011

Jason Grech[4], proprjetarju tal-hanut Vision Tech Electronics, gharaf lill-imputat bhala l-persuna li fit-28 ta' April 2011 mar xtara televixin u hallas bil-quickcash card. Huwa ffirma c-chit quddiemu u nizzel Clinton Borg[5]. Dakinhar il-persuna kien liebes beritta, nuccali, flokk li kien fih mal-genb xi sinjali tal-bandiera tal-Italia. Ghabbewlu t-televixin flimkien ma' missier martu Vincent Zammit. Ix-xhud qal li billi ra li din il-persuna baqa' l-hin kollu bil-beritta u n-nuccali ddecieda li jehodlu n-numru ta' registrazzjoni tal-karozza u l-mudell taghha – Renault Megane kulur ahmar Registrazzjoni Numru FAI 429. Huwa kkonferma li ghadda footage lill-pulizija[6]. Vincent Zammit ikkonferma li kien l-imputat il-persuna li xtara t-televixin li gie mghobbi fil-karozza Registrazzjoni numru FAI 429. Il-valur tat-televixin kien €590.

Lina Mizzi[7] proprjetarja, flimkien ma' zewgha Michael Mizzi, tal-istabiliment bl-isem Gold Market xehdet li fit-28 ta' April 2011 ghall-habta ta' kmieni wara nofsinhar dahal ragel - li gharfet bhala l-imputat – jixtri mill-hanut. Huwa xtara deheb fl-ammont ta'  u €830. Huwa hallas b'card tal-HSBC u ffirma fuq ic-chit quddiemha bhala Clinton Borg. Billi l-firma qablet mal-card ma rat xejn suspettuz. Hija ddeskriviet lil dan ir-ragel bhala guvni rqiq, naqra qsajjar, kemm kemm samrani, kien pulit, nuccali kbir ma' wiccu u beritta mnizzla. Hija gharfet lill-imputat fl-Awla. Michael Mizzi[8] xehed fuq l-istess binarju u gharaf ukoll lill-imputat.

Irrizulta wkoll li l-karozza Registrazzjoni Numru FAI 429 kienet vettura registrata fuq Maruska Vidal [9] li min-naha taghha ikkonfermat[10] li l-imputat kien is-sieheb taghha u kien jaghmel uzu mill-vettura taghha.

Clinton Borg[11] ikkonferma li l-Bamk raddlu l-ammonti mehuda mill-card u huwa m'ghandu xejn aktar x'jiehu. John Galea in rapprezentanza tal-HSBC[12] xehed li inkwantu ghall-ammont ta' €830 baghtihom l-istabiliment Gold Market.

---

[4] Seduta tat-18 ta' Mejju 2011
[5] Dok JG a fol 68B tal-process
[6] Dok SZ6
[7] Seduta tal-25 ta' Mejju 2011
[8] Seduta tat-8 ta' Frar 2012
[9] xhieda Stephen Cachia fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011
[10] fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011
[11] Seduta tat-2 ta' Ottubru 2013
[12] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2015

Ikkunsidrat:

**L-ewwel tlett imputazzjonijiet**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' frodi.

L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[13].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[14].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[15]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

[13] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011
[14] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[15] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[16].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[17].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[18]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa***

[16] Op cit pagna 357

[17] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

[18] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

***tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li*

*jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….''*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-***

***konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax***

***tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

L-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata inkwantu l-imputat ipprezenta ruhu bhala l-persuna li effettivament ma kienx u hallas billi ffirma fuq ic-chit b'isem haddiehor u bil-quickcash card ta' Clinton Borg. It-truffa tirrizulta kemm fil-konfront ta' dawn il-hwienet kif ukoll il-Bank.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-gbid tal-flus mill-ATMs fejn f'dan il-kaz l-imputazzjoni ta' frodi jew attentat ta' frodi ma tissussistix. Lanqas it-tielet imputazzjoni ma tissussisti. Fil-kaz meta ngibdu l-flus u meta kien hemm l-attentat li jingibdu l-flus, apparti l-fatt li m'hemmx bizzejjed provi li kien l-imputat li gibed il-flus jew li pprova jigbidhom, izda fi kwalunkwe kaz l-elementi rikjesti ghal sejbien ta' htija ta' truffa jew ghal frodi innominata mhumiex sodisfatti. Fil-fatt ma gie adoperat ebda ingann jew tip ta' qerq li permezz tieghu wassal lill-vittma sabiex taghmel xi haga li gabitilha telf patrimonjali.

**L-imputazzjonijiet l-ohra**

Ir-raba' imputazzjoni inghatat evidentement bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet sussegwenti.

Il-hames, sitt u seba' imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati mill-provi prodotti.

It-tmien imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata billi filwaqt li rrizulta li l-quickcash card kienet fil-pussess tal-imputat ma rrizultax mill-provi li seraqha hu.

Id-disa' imputazzjoni li hija dik ta' ricettazzjoni tirrizulta ppruvata inkwantu ingabet il-prova li l-quickcash card insterqet u li din kienet fil-pussess tal-imputat tant li huwa ghamel uzu minnha.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva, giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Settembru 2009 fejn il-konnotati f'din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza l-imp€€utat gie kkundannat ghal sittax-il xahar prigunerija. Prova li tali piena giet skontata ma ngabitx. Ghalhekk l-addebitu tar-recediva mhux ippruvat.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tal-istess imputat li hija altru milli netta u l-fatt li rrizulta mis-social inquiry report li l-imputat li kellu l-vizzju tad-droga ghamel passi 'l quddiem u anki jahdem regolarment u ghandu familja u dan anki kif rifless fil-fedina penali aggornata li giet ezebita. Fid-dawl ta' kollox il-Qorti tqis li huwa opportun li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 169, 183, 184, 308, 310(1)(b), 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni biss inkwantu ghall-ammont ta' €2020 rapprezentanti gojjellerija u t-televixin, kif ukoll hati tal-hames, sitt, seba' u d-disa' imputazzjonijiet, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, tielet u tmien imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recediva u minnhom tilliberah u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Michael Rizzo taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil Michael Rizzo jhallas l-ammont ta' €1190 lil HSBC

Bank Malta plc u l-ammont ta' €830 lil Gold Market u dan fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**